// Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356)21689168, (0356)21641487
Telefax:(00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.g

Minuti

Laqgħatal-Kunsill Lokali Ħal Safi

It-TmienLeġiżlatura

Laqgħa Numru13/2023

15 ta' Novembru, 2023

Il-Kunsill Lokalita'Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fis-5:00 pm.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Johan Mula | Sindku |
| Joanna Abdilla | Kunsilliera |
| Publio Abdilla | Kunsillier |
| Mark Cocker | Kunsillier |

Skużat:

| | |
|---|---|
| Francis Callus | Viċi Sindku |

Uffiċċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Doris Baldacchino: | Segretarju Eżekuttiv |

## 12.0 Qari tal-ittrita'apoloġiji

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Viċi Sindku s-Sur Francis Callus ma kienx ser jattendi għal laqgħa għaliex kien għadu qed jiġi rikoverat, waqt lil-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla avżat li kienet ser tidħol aktar tard għal laqgħa. Huma ġew skużati.

## 12.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjonital-Minuti

Il-Kunsillieriqablufuq il-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdila staqsa ref punt 12.1 ir-raba' paragrafu (water culverts ħdejn Clearwell Cottage) jekk it-tarmak kienx ser jogħla aktar għaliex għalkemm kienu għamlu l-kurduna kienu ħallew it-tabelli. Is-Sindku kkonferma li t-tarmak ma kienx ser jogħla aktar u probabbli t-tabelli kien għad iridu jaqilgħuhom.

Is-Sindku qal li ż-żebbuġ mill-attività tal-Olive picking kien ingħasar u issa kien qiegħed fil-barrels. Huwa spjega li l-Kunsill kien għadu qed jistenna il-labels-stickers sabiex jeħlu mal-fliexken. Is-Sindku għarraf lill-Kunsilliera li l-ispiża tal-labels ukoll kien ser jiffinanzajha r-Reġjun Punent.

Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa jekk ref punt 12.2.9 (laqgħa mal-Ministru Aaron Farrugia) jekk kienx hemm xi updates. Is-Sindku spjega li din il-laqgħa kienet speċifikament fuq Slow Streets u li waqt l-aħħar laqgħa tal-Kunsill, il-Kunsill kien iddeċieda li qabel ma jsir il-proġett tal-pjazza,il-Kunsill ma kienx lest li jneħħi l-parkeġġi li hemm fil-pjazza. Huwa spjega li l-Kunsill kien jaqbel mal-proġett Slow Streets pero l-parkeġġ ma kinitx tagħmel sens li jitneħħa minn issa. Il-Kunsill iddiskuta l-proġett tal-pjazza u t-traffic management u kulħadd qabel li kienet ħasra li l-Kunsill għamel ħafna studju minħabba titjib fit-traffiku u ħallas ħafna spejjeż li issa kienser jisfaxxa fix-xejn jekk ma jsirux il-proġett tal-pjazza u *traffic management.*

Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla daħlet għal laqgħa 17.22.

Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li ref punt 12.2.16 kienu qalulna li ser ituna xi siġar u issa l-*contracts manager* qal li kienu waslu. Is-Sindku kkonferma lis-siġra li ħadna ma kinitx taħt l-istess skema u għalhekk is-siġar kien għad iridu jaslu.

Is-Sindku qal li ref punt 12.3.5 (binja ta' Triq San Pawl) kien tlaqqa' l-bord tal-P.A. u għal din il-laqgħa rrappreżentaw lill-Kunsill il-Perit li qabbadna jagħmel l-oġġezzjoni, il-manager tal-ambjent minn naħa tar-Reġjun Punent kif ukoll is-Sindku. Huwa spjega li l-bord kienu talbu li l-applikazzjoni terġa' tiġi riveduta għaliex ma kienx hemm transition mal-UCA u li kienu qed jissuġġerixxu li l-ħajt isir fuq il-ġebla maltija. Is-

Sindku spjega ukoll li issa probabbli wara Diċembru jerġa' jiltaqa' l-bord u issa l-probabbilita' kienet li jgħaddi l-permess.

Is-Sindku staqsa lill-Kunsill jekk ridux jiddiskuta xi ħaġa fuq Festa Familja li kienet saret il-Ħadd ta' qabel il-laqgħa. Il-Kunsill iddiskuta u fost affarijiet oħra rringrazzja lis-Sur Pinu Azzopardi talli ħalla lill-Kunsill juża' l-għalqa tiegħu bħala parkeġġ.

## 13.2 Komunikazzjoni mis-Sindku

13.2.1 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien irċieva talba mingħand Żurrieq FC sabiex isir agreement bejnietna. Huwa qal li dan l-agreement issa kien wasal. Is-Sindku spjega l-agreement cioe li Żurrieq FC kienu qed jikkommettu ruħhom li jbiddlu l-wiċċ tal-grawnd (dejjem jekk toħroġ xi skema) u huma Żurrieq FC jkunu jistgħu jagħmlu użu mill-grawnd tal-futball bla ħlas. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li ma hemm l-ebda garanzija li l-wiċċ kien ser jinbidel għalhekk għal issa kien aktar għaqli li l-Kunsill iżomm l-istess agreement on hold. Il-Kunsill qabel ukoll li peress li l-Kunsill kien ser jiltaqa' sabiex jiġi diskuss il-possibilita' li jitwaqqaf Club tal-futball f'Ħal Safi l-Kunsill ikun jista' jagħmel agreement ma dan il-Club.

13.2.2 Is-Sindku qal lill-Kunsilliera li kien ġie ffirmat il-ftehim minħabba x-xogħolijiet li kienu ser isiru mid-Dipartiment tax-Xogħolijiet Pubbliċi fiċ-Ċentru Parrokjali.

13.2.3 Is-Sindku għarraf li ż-żjara bħala proġett ma VisMedNet issa kien imiss żjara għal Spanja fi Frar bejn it-12 sal 15 u oħra l-Bulgaria bejn it-18 u 21 ta' Marzu 2024. Is-Sindku talab lill-Kunsilliera sabiex min kien interessat jattendi kellu javża mill-aktar fis possibbli.

Ġiet sospiza l-laqgħa fit-6:00pm u kompliet 18:35 fejn il-Kunsill iddiskuta l-idea li jitwaqqaf club tal-futball f'Ħal Safi.

13.2.4 Is-Sindku qal li waqt il-laqgħa tar-Reġjun Punent kienet ġiet diskussa inizjattiva fejnil-Kunsill kien ser jibbenfika l-ammont ta' €100 f'kotba. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li l-Kunsill joħroġ €100 oħra sabiex jingħataw €100 kotba lil librerija pubblika kif ukoll €100 kobta lil librerija tal-iskola Primarja.

13.2.5 Is-Sindku qal li ż-żmien biex jibda bit-tiżjin tal-Milied kien qorob. Huwa għarraf li l-kuntrattur kien ser jibda jżejjenminn Żurrieq Road imbagħad jgħaddi għall-pjazza. Is-Sindku staqsa jekk il-Kunsill kienx ser iżejjen iż-żebbuġa quddiem id-dar tal-kappillan minħabba li s-siġra kienet ser tinżabar. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandna nżejnuha għal aħħar darba qabel tinżabar.

13.2.6 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien irċieva talba minn Transport Malta għaliex persuna fi Triq il-Ħajt Ruman xtaq li jsir kanal fis-sleeping police li kien hemm biswit il-ħanut tal-ħaxix minħabba li l-basement kien qed jidħollu l-ilma tax-xita. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li nkellmu lir-resident sabiex naraw x'inhi l-aħjar soluzzjoni għal din il-problema.

13.2.7 Is-Sindku qal li kien irċieva talba minn persuna fi Triq San Tumas sabiex isir double yellow line biex ikun jista' joħroġ mill-garaxx. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li jsiru l-linji sofor.

13.2.8 Is-Sindku qal li fi Triq in-Nassaba il-parti l-magħluqa kien irċieva talba sabiex isir yellow line ukoll. Huwa spjega li f'din it-triq kien hemm żewġ garaxxijiet faċċata ta' xulxin filwaqt li mal-ġenb kien qed jipparkja karozza bil-konsegwenza li ma jkunux jistgħu joħorġu l-karozza mill-garaxijiet. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li jsiru yellow lines.

13.2.9 Is-Sindku qal li fi Triq San Pawl kienet qed tipparkja karozza li minħabba fiha l-karozzi telgħin lejn il-pjazza qed ikollhom joħorġu barra mill-karreġjata. Is-Sindku spjega li minħabba li ma hemmx yellow lines il-*wardens* ma jkunux jistgħu iħarrku lil din il-persuna u għalhekk issuġerixxa li jsiru l-linji sofor ukoll. Il-Kunsill iddiskuta u qabel mal-linji sofor.

**13.3 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

13.3.1 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li l-Kunsill diġa' kien iddiskuta dwar l-*istore* li kien hemm fi Triq San Tumas u li l-Kunsill għandu jgħinlil applikant japplika għal loading/unloading f'ħinijiet speċifiċi. Hija qalet li ma tħossx li hija ġusta li jkollok garaxx u ma tkunx tista' tidħol u toħroġ fi xħin trid inti iżda f'ħin stipulat. Is-Sindku qal li dan ma kienx jintuża bħala garaxx iżda bħala store u li għandu japplika għal loading/unloading kienet deċiżjoni meħuda minn Transport Malta.

13.3.2 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li Father Christmas kien ser ikun qiegħed idur mat-toroq ta' Ħal Safi nhar il-Ħadd 17 ta' Diċembru.

13.3.3 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li Sqaq il-Karwija kien kollu mitfi jiġifieri minn fejn ir-roundabout sa kemm tiġi fl-area tal-Ħlantun.

13.3.4 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker staqsa jekk il-fuljett ta' Diċembru kienx ser ikun l-aħħar ħarġa qabel l-elezzjonijiet. Il-Kunsill ikkonferma li ħarġa oħra tal-fuljett tkun f'Awwissu 2024 għalhekk tkun taħt leġiżlatura ġdida.

13.3.5 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li dan l-aħħar żmien kien għamel dawra mal-*Contracts manager*sabiex naraw fejn nistgħu nagħmlu xi pjanti ġodda. Huwa kkonferma li fi Sqaq Ħannux u fi Sqaq Santa Marija, il-Kunsill seta' jżid xi pjanti filwaqt li fejn l-għassa kien hemm pot b'siġra kollha zkuk li kellha bżonn tinbidel. Il-Kunsill qabel.

13.3.6 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla staqsiet jekk il-Kunsill kienx ser jħawwel xi pjanti jew jiżra xi siġar fi Triq Carmelo Caruana. Is-Sindku spjega l-iżvilippi li kienu saru fir-rigward tal-manutenzjoni tal-istess triq għaliex l-INDIS kienu qed isostnu l l-budget li kellhom ma kienx jippermetti li jagħmlu l-manutenzjoni tat-toroq kollha li jmissu ma zoni industrijali.

13.3.7 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa rigward it-tabelli li l-Kunsill kellu jagħmel fosthom it-tabelli fejn tidjieq ħafna it-triq fl-area Ta' Ġawhar (fejn Clearwell Cottage). Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li t-tabelli li kienu ser jintużaw fejn l-istess dar kellhom jiġu ordnati mal-konsenja li jmiss.

13.3.8 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa jekk il-Kunsill kellux riżultati minħabba l-Community Police. Is-Sindku ta spjegazzjoni kif kienu qed jaħdmu l-community police u li l-catchment area tagħna kien ser ikollna surġent ġdid.

13.3.9 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li l-Kunsill kien jinħtieġ jagħmel studju sabiex issir zebra crossing fi Triq San Pawl ftit il-fuq mir-rażżett għaliex kien hemm periklu kbir għal min jaqsam it-triq minn hemm. Huwa qal li din it-talba kien ressaqha l-Kunsill diversi drabi u li l-Kunsill ma kellux jistenna li ssir xi traġedja qabel ma jagħmel xi ħaġa. Il-Kunsill iddiskuta din il-proposta u qabel li jsiru żewġ żebra crossing waħda l-fuq mir-razzett u oħra l-isfel miċ-ċimiterju kif ukoll sleeping police ftit l-isfel mir-*roundabout.*

13.3.10 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa x'kienet il-pożizzjoni tal-Kunsill rigward l-impjant tat-tarmakli kellu jiġi rilokat fl-Imqabba. Is-Sindku spjega li meta l-Kunsill tal-Imqabba indunaw b'dan il-permess, iż-żmien għall-appelldiġa' kien għadda. Huwa qal li kien tkellem mas-Sindku taż-Żurrieqli kkonfermat li din il-kwistjoni kienet ser tiġi diskussa dak inhar tal-laqgħa tal-Kunsill. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li l-Kunsill jingħaqad mal-Kunsill taż-Żurrieq biex noħorġu stqarrija konġunta.

13.3.11 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li Ġnien t'Amparell kien hemm bżonn li jinżabru s-siġar u l-inħawi tal-madwar kellhom bżonn tindifa sew. Huwa wera r-ritratti tal-inħawi tal-madwar. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandha ssir it-tindifa.

13.3.12Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker propona li fi Triq iż-Żurrieq kantuniera ma Triq l-Iskola għandha ssir Sleeping Police. Is-Sindku qal li l-problema kienet sabiex tiddeċiedi fejn ser ssir. Is-Sindku talab lill-Kunsillier sabiex min jikkuntattjah jidentifika l-post u jiġbor il-firem tar-residenti li ma joġġezzjonawx li ssir l-isleeping police.

**13.4 Skema Sebbaħ il-lokal**

Is-Sindku qal li kienu ikkuntatjawh mill-Planning Authority minħabba li l-iskema Sebbaħ il-Lokal, li kienet ser tiskadi fl-aħħar tas-sena. Is-Sindku spjega li l-Kunsill seta' japplika għal xi proġett ta' tisbieħ u qal li fl-24 ta' Novembru kien ser jattendi laqgħa l-Planning Authority għal aktar informazzjoni. Is-Sindku ssuġerixxa li b'dawn il-fondi l-Kunsill jipprova japplika sabiex jinbidel is-syntetic turf u nirranġaw ix-showers/toilet li għandna fil-grawnd.Il-Kunsill iddiskuta u qabel ma din l-inizjattiva.

**13.5 Milied 2023**

Is-Sindku għarraf lill-Kunsill bl-attivitajiet li kellhom isiru għal żmien il-Milied.

1. Kunċert

   Is-Sindku qal li dan kien ser isir nhar it-Tnejn 18 ta' Diċembru bejn il-Kunsill Lokali, il-Kor Sine Macula u l-Parroċċa, bl-għajnuna tar-Reġjun Punent.

2. Ikla tal-Anzjani –

   Is-Sindku qal li s-sala issa bdiet titbattal u għalhekk l-ikla kienet ser issir bħas-soltu l-ewwel ħadd tas-sena jiġifieri il-Ħadd 7 ta' Jannar 2023 fis-sala tal-Iskola Primarja ta' Ħal Safi u l-prezz kien ser jibqa' bħas-sena l-oħra jiġifieri €10.

   Is-Sindku qal li għal din l-ikla l-Kunsill għandu jerġa' jqabbad lil John Muscat bħala animatur u fl-aħħar kull min jattendi jingħata rigal.

3. Party tat-tfal

   Is-Sindku qal li l-aħjar il-Kunsill jiċċekkja meta kienu ser isiru l-parties tat-tfal mill-għaqdiet tar-raħal sabiex ma jaħbatx ma' tagħhom.

4. Father Christmas idur mar-raħal
   Is-Sindku qal li nhar il-Ħadd 17 ta' Diċembru, 2023 fis-6:00pmFather Christmas kien ser idur mat-toroq ta' Ħal Safi.

5. Hampers lil persuni *housebound*.

   Is-Sindku qal li bħal snin oħra l-Kunsill kien ser jagħti l-*hampers* lil persuni *housebound.* Huwa qal li kien ser jgħaddi l-lista lill-kappillan sabiex wara tiġi diskussa waqt il-laqgħa tal-Kunsill ta' Diċembru.

6. L-ikla tal-istaff

   Is-Sindku qal li l-ikla għall-istaff tal-Kunsill kienet ser issir it-Tlieta 19 ta' Diċembru, 2023 fit-8:00pm.

**13.6 Rapporti**

Approvazzjoni tat-Tielet Quarterly Financial Report 2023

Is-Segretarju Eżekuttiv tat kopja tat-tielet *Quarterly Financial Statements* Q3 (Jannar – Settembru, 2023) lis-Sindku u l-Kunsilliera kollha. Dan ġie approvat biex jiġi applowdjat onlajn.

**13.7 Korrispondenza**

Ma kienx hemm mistoqsijiet fuq il-Korrispondenza.

**13.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fil-19.42. Laqgħa li jmiss ser tkun nhar it-Tnejn 11 ta' Diċembru, 2023 fil-5:00pm.

| | |
|---|---|
| Iffirmati | Iffirmati |
| Johan Mula | Doris Baldacchino |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |